# IL-ĠERREJJA U JIEN

Kif ħammret fuq il-baħar
f'rogħda ferrieħa taż-żerniq id-dija,
u ż-żiffa ta' filgħodu
qajmet is-siġar ta' ġnejniet moħbija,

rajtek, Dgħajsa ħafifa,
tifrex il-qlugħ għal majistral sabiħ,
u, ħelu, taqbad triqtek,
taħt ir-rażan tat-tmun, għal xejrt-ir-riħ,

u bħal tfajla qalbiena
li ġarrbet l-ewwel darba il-ħajr tal-mewġa,
tmil fuq ġenbek, u ċċafċaf,
u ssieħeb leħnek mat-tvenvin tal-fewġa.

Mita bjadet u saħnet
ix-xemx u qajla dell baqa' ma' dwarek,
rajtek bejn ikħal w-ikħal
taqsam il-barra w-xejn ma taħseb f'darek.

Issa haw' qegħda, fil-qâla,
bla qlugħ, tidbandal fuq il-mewġ lubien,
għaliex max-xemx li niżlet
raqdet iż-żiffa w-ħajr ma baqa' mkien:

Da 'l-waqt mal-ħwejjeġ l oħra,
fi star bla lewn titkebbeb, ja Ġerrejja;
da' l-waqt ma narak iżjed,
għax jisirqek il-lejl minn ħbub għajnejja.

*

Hekk jiena. Mita kbira
ix-xemx tal-Ħajja ħammret fuq tfuliti,
u taħt fewġa bikrija
ħaddru t-tamiet fil-ġonna ta' żugħżiti,

jiena wkoll ta' setgħeti
frixt il-qlugħ kollha w-qbadt it-tmun tar-rieda
u fuq il-mewġ ta' żmieni
qtajt il-barra qatigħ. Ġarrabt il-ġlieda

mal-ħalel u mar-rwiefen,
u darbtejn rajt il-Mewt b'daħka waħxija
issejjaħli taħt l-ilma:
iżda l-ħila wid deh'n ma naqsux fija,

għaliex id-dgħajsa tiegħi
kellha ġenbejha sħaħ u l-qlugħ tajbin,
u t-tmun iwieġeb ħelu
għal kull xejra tal-ħsieb. Siegħat henjin

għaddejt fix-xemx sabiħa
ta' wara nofs-in-nhar, mita t-taqliba
tal-baħar abjad siktet,
u reġgħet timla l qlugħ fewġa ħabiba.

Hawn issa t-tnejn nitbandlu
qegħdin fil-qâla jien u d-dgħajsa tiegħi,
għaliex iż-żiffa raqdet,
u x-xemx ta' nofs-in-nhar ma għadhiex miegħi:

niżlet, u biss xi ħmura
għadha titnikker fietla fuq l għoljiet...
da l-waqt jinsatar kollox
fid-dlam tal-lejl... u jkun sultan is-skiet.

**Dun Karm**

16-18 ta' Ġunju 1933.